MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 191/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**Vs**

**Carmelo Galea**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Marzu, 2004, ghall-habta tas-6.30 p.m. gewwa 184, St. Gaetan Street, Hamrun;**
**1) bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li jippretendi li ghandu, biddel is-serratura tal-fond imsemmi, propjeta' ta' Thereza Galea;**

**2) u aktar talli bi hsara tas-sid jew detentur ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta' ta' martu Thereza Galea.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Settembru, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli 85, 340(d), 383 u 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal multa ta' tletin lira Maltin (LM30) u ordnat li jnehhi l-inkonvenjent billi fi zmien xahar jaghti cavetta lill-parte civile sabiex ikollha access ghall-istess fond taht penali ta' LM2 kulljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 t'Ottubru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-esponenti appellant mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti :- 1. li l-akkuza kif postulata ma tista' qatt tigi ppruvata w dan peress li, kuntrarjament ghal dak indikat fl-akkuza , il-fond 184 , Triq San Gaetano , Hamrun ma hux proprjeta' ta' Theresa Galea , kif jidher indikat fl-akkuza w konsegwentement fis-sentenza izda dan hu proprjeta tal-appellant , izda se mai l-kwerelanti ghandha drittijiet naxxenti mill-koncett guridiku tal-*"matrimonial home*" ; 2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju, mix-xhieda ta' Theresa Galea rrizulta li hija rat persuna ohra, certu Ivan jibdel is-serratura w ladarba din il-persuna ma ngabitx biex tixhed , in-nexus bejn Ivan u l-appellant (jekk hemm ness) ma gie pruvat qatt u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx tipprezumi li l-appellant kien involut fil-bdil ta' din is-serratura . Illi di piu' rrizulta ukoll li l-kwerelanti fil-fatt qatt ma marret tindaga jekk fil-fatt inbidlitx ic-cavetta w ghalhekk ma giex pruvat *beyond reasonable doubt* li fil-fatt sar bdil fis-serratura.**

**Semghet ix-xiehda ta' Theresa Galea ghax l-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur;**

**Ikkunsidrat ;**

Illi l-fatti tal-kaz jirrisalu ghat-13 ta' Marzu tas-sena 2004, meta l-appellant li flimkien ma martu Theresa Galea , li minnha qed jissepara bil-Qorti, kien jghix fil-fond de quo , ma kienx halla lil martu tidhol id-dar , wara li kienet harget normalment aktar kmieni dak in-nhar . Hu qaghad fil-bieb u mbarralha l-access ghal gewwa w intimalha li mhux ser tidhol id-dar ghaliex skondu kienet haditlu xi affarijiet tieghu mid-dar konjugali. Theresa Galea xehdet ukoll li l-ghada kienet prezenti meta rat lil certu Ivan Spiteri , fil-prezenza tal-appellant , jibdel is-serratura tal-bieb ta' barra. Min dak in-nhar sal-lum , baqghet qatt ma dahlet id-dar u meta darba pprovat tidhol, sabet is-seratura mibdula. Hi accettat li d-dar kienet tappartjeni lil zewgha bhala proprjeta'. Xehdet ukoll li ma kien hemm ebda ordni ta' xi Qorti ohra li hi kellha tallontana ruha mid-dar.

Illi minn dawn il-fatti deposti minn Theresa Galea w mhux kontradetti , din il-Qorti ma ghandhiex l-icken dubju li materjalment kien l-appellant li cahhad lil Theresa Galea martu mill-access li kienet tgawdi ghal god-dar konjugali kif ukoll li ma kien hemm ebda ordni ta' Qorti li minhabba fiha Theresa Galea setghet legalment tigi impeduta milli tidhol gol-istess dar. Il-fatt li s-serratura fizikament imbidlet minn certu Ivan Spiteri, b'ebda mod ma jiskolpa lill-appellant , ghax ovvjament il-provi indizjarji kollha univokament jindikaw li dan sar fuq ordni tal-appellant , anki mill-fatt li waqt li qed tinbidel is-serratura hu kien ukoll prezenti w hadd mhu ser ihalli lil terza persuna tibdillu s-serratura tal-post fejn joqghod jekk mhux ghax ikun ordna li jsir hekk hu stess.

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-**

**(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta , ta' dan il-hadd iehor;**
**(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;**
(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u
**(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (Ara. App. Krim.** Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia **[17.2.95] ; I**l-Pulizija vs. Reno Micallef **[6.6.95],** Il-Pulizija vs. Mark John Schembri **[18.9.2002] u ohrajn )**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-agir tal-appellant jinkwadra ruhu perfettament fir-reat tal-*"exercise of a pretended right"* jew "*ragion fattasi*" , ghax l-appellant , bhala wiehed mill-konjugi residenti fid-dar konjugali hass li kellu dritt li jimpedixxi l-access ghall-istess dar konjugali lill-martu w b' hekk naqqsilha d-dritt taghha tal-godiment tal-istess dar taz-zwieg li johrog mill-artikolu 3A tal-Kodici Civili , dritt li jispicca biss bl-operat ta' decizjoni tal-Qorti (Art.37 u 55A tal-Kodici Civili) u assuma b'idejh mansjoni li l-ligi tirrizerva ghall-Qrati fl-artikoli fuq citati .**

**Illi kuntrarjament ghal dak li sostna l-abbli difensur fir-rikors tal appell u fit-trattazzjoni tieghu ,jezistu l-elementi kollha tar-reat in dizamina . Ma hemmx dubju li l-appellant ghamel att estrern li impedixxa lill-konjugi Theresa Galea minn dritt li kienet tgawdi , cioe' dak li jkollha access liberu w tgawdija tad-dar taz-zwieg. Il-fatt umbaghad li hu proprjetarju tal-fond in kwistjoni , xorta wahda ma jatihx id-dritt li jizgombra lill-martu mid-dar taz-zwieg. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Salvina k/a Silvia Incorvaja" **[25.7.1994], fejn ukoll si trattava ta' konjugi li qaflet lil zewgha barra mid-dar taz-zwieg, meta cahdet l-appell tal-imputata :-**

*"L-artikolu 85….hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta' , mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat tal-awtorita' pubblika"*

Illi fil-fehma tal-Qorti bil-fatt li fl-ewwel imputazzjoni intqal li Theresa Galea kellha l-proprjeta' tal-fond meta dan ma jirrizultax, xorta wahda jirrizulta r-reat in dizamina ghax ma hemmx dubju li martu kellha d-dritt ghall-access u godiment tal-istess fond u ma hemmx ghalfejn jirrizulta l-kliem preciz li jkun hemm fic-citazzjoni , ghax kif dejjem gie ritenut dan hu biss "*avviso a comparire*" u ma hemmx ghalfejn li jkun jirrifletti bl-ezatt il-fatti sakemm ikun jidher car liema tkun l-imputazzjoni li qed jigi akkuzat biha l-imputat u f' dan il-kaz ma jistax ikun hemm dubju dwaru dan . Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Buttigieg**" [4.11.1994] :-

*"Ic-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti . F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."*

*"Id-dettalji imsemmija fl-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali dwar il-fatti, ghandhom jigu indikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, komprizi is-sentenza li jsegwuha, izda ghall-fini ta' praticita' u ta' evitar ta' talf ta' zmien , u cioe' biex l-imputat , x'hin jidher quddiem il-Qorti , ikun jaf fuq hiex ikun gie mharrek , u hekk dak in-nhar stess li jidher ikun preparat  biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoini dedotta."*

**Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet perfettament gustifikata meta sabet lill-appellant hati tar-reat ta' "ragion fattasi" dedott kontra tieghu u l-appell dwar il-htija tal-ewwel imputazzjoni qed jigi respint.**

**Din il-Qorti pero' ma tirravizax l-ezistenza tat-tieni imputazzjoni . Il-kontravvenzjoni hemm indikata u cioe' dik kontemplata fl-artikolu 340 (d) ma tkoprix eventwalita' bhal din fejn konjugi proprjetarju**

**jimpedixxi l-access tal-konjugi l-iehor fid-dar taz-zwieg izda fattispecji ohra li normalment ikunu jikkonsistu filli wiehed jidhol fil-proprjeta’ ta’ haddiehor bla permess u b’hekk jinvadi l-privatezza ta’ dak li jkun . Ghalhekk l-appellant ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni .**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w kkundannatu ghall-multa komplessiva ta’ tletin lira Maltin (Lm30) u minnflok tilliberah mill-istess tieni imputazzjoni u tikkundannah multa ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) fuq l-ewwel imputazzjoni , u tikkonfermaha fil-kumplament kollu taghha, b’dana li t-terminu ta’ xahar biex jaghti c-cavetta lill-parte civili Theresa Galea sabiex ikollha access ghall-istess fond taht penali ta’ Lm2 kulljum fin-nuqqas , jibda’ jiddekorri mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------